TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 307/10

**Richard Spiteri**

**vs**

**Hal Mann Furniture & Interiors Ltd.**

Illum 13 ta' Ġunju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fil-11 ta' Awissu, 2010 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tliet elef, erba' mija u erbgħa u disgħin ewro u sitt ċenteżmi (€ 3,494.06) rappreżentanti diffetti fl-installazzjoni tal-kċina ordnata mingħand id-ditta intimata.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tad-ditta intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa xtara kċina mingħand id-ditta intimata u fl-istallazzjoni kien hemm diversi nuqqasijiet. Ir-rikorrenti qal li l-intimati ma ridux jirranġaw dawn in-nuqqasijiet.

Is-soċjeta' intimata da parte tagħha ssottomettiet illi kienet lesta li tirranġa dawn in-nuqqasijiet stante li kien baqagħlha titħallas ammont sostanzjali u li l-partijiet qablu li jitqabbad espert tekniku minħabba n-natura teknika tal-każ.

It-Tribunal ħatar lil espert tekniku lis-Sur Vincent E. Ciliberti li mar jagħmel aċċess u ħareġ diversi rakkomandazzjonijiet li jidher li l-partijiet kienu ftiehmu fuqhom it-tnejn.

**It-Tribunal jinnota illi:**

Kien hemm diversi problemi kemm da parte tar-rikorrenti u kemm da parte tas-soċjeta' intimata, anki dwar ir-rapport tal-Perit fil-frattemp verbali f'dan is-sens.

**Għal dawn il-motivi:**

It-tribunal wara li sema' lill-partijiet u ra r-rapport tal-Perit li fuqu qiegħed jibbaża anke l-konklużjoni tiegħu stante li huwa il-*lungo manus* tat-Tribunal u li huwa espert indipendenti, jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' sitt mitt ewro (€600), bl-ispejjeż inkluż dawk tar-rapport peritali kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**